# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 4:** Jitwieled għalina

**Lezzjoni 4.2:** Il-Ferħ tal-Milied

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jimmaġinaw in-nies li jixtiequ li jkollhom magħhom fil-Milied.
2. Jagħrfu s-siwi taċ-ċelebrazzjonijiet u t-tradizzjonijiet u l-veru ferħ tal-Milied.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Stampi kkuluriti ta' nies - kantant, artist taċ-ċinema, il-familja, ir-raġel tal-baffi bajda, ħbieb, ikliet tal-Milied
- Powerpoint 4.2 - ċelebrazzjonijiet u tradizzjonijiet.
- Kant-Vidjow: Paċi Fil-Milied.
  http://www.youtube.com/watch?v=PlvAXzE5tTU
- Karta ta' Taħriġ: 4.2.



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Stieden lill-istudenti jieqfu ftit u fil-kwiet jaraw kif ser iwieġbu din il-mistoqsija: Ma' min tixtiequ li tqattgħu l-Milied? Meta t-tfal jagħtu l-ideat tagħhom, spjega kif meta nkunu flimkien nkunu ferħanin, nistgħu naqsmu u ngawdu dak li jkollna bejnietna.
- Uri l-istampi ta' Father Christmas, kantanti, artisti, u familja waqt ikla tal-Milied. Għidilhom li hemm l-għaqda u l-ferħ fosthom ilkoll. Dan huwa l-veru Milied . Dan hu l-fatt li għalih il-Mulej ġie fid-dinja - li jgħaqqaddna FLIMKIEN BĦALA FAMILJA WAĦDA.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Spjega kif biżżejjed riklam fuq it-televiżjoni biex idaħħalna fl-ispirtu tal-Milied ikun xi jkun il-prodott li qed jidher mal-kwiekeb, mas-siġra tal-Milied jew mar-raġel tal-baffi bojod liebes kowt aħmar. Dan jista' jwassalna biex inqisu l-Milied tagħna bħala tat-tieni Diviżjoni u nitħajru għall-Milied tal-ħolmiet tagħna.
- Spjega kif f'Diċembru, nofs id-dinja, tkun fis-sajf, u b'hekk l-ambjent tal-Milied ma jkunx bħal tal-kartolini. Il-kummerċ, sena wara sena, qed inaqqar mill-importanza vera tal-Milied, li hu t-twelid ta' Kristu u l-għaqda ta' bejnietna! Ara ppt.4.2 - Ċelebrazzjonijiet u Tradizzjonijiet tal-Milied)
- Tkellem mal-istudenti u staqsihom: Meta jkun hemm il-famija kollha d-dar, kif tqattgħuha l-ġurnata jew xi festin li jkollkom?

- X'tistgħu tagħmlu flimkien? (iżżejnu d-dar għall-Milied, tagħmlu festin,tieklu l-ikla tradizzjonali, tilagħbu xi logħob bħal Monopoly, Uno.. tmorru xi mixja, )
- Iftaħ il-ktieb tal-Attivitajiet 4.2. Aqra s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi aħdem Attivitajiet A u B

Risposti:

A) Marija – omm – Santu- qaddejja – Mulej – keltmtek- iben – bniedem – għammar

B) 5,4,3 1,2

- Aqra u spjega Attività C u bħala klassi oħloq diskussjoni.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tfakkar li min jaħseb f'ħaddieħor ikun ferħan tassew.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla ġie fid-dinja għax iħobbna.
2. Il-veru Milied mhuwiex biss li narmaw s-siġra u l-presepju.
3. Il-veru Milied hu meta nkunu paċi u mgħaqqudin ferħanin flimkien.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



°Niftakru li l-Mulej ġie biex jifdina u jgħaqqadna flimkien.

°Li ħa s-sura ta' bniedem biex jgħinna nifhmu li ħajjietna tkun tixbah lil tiegħu meta nkunu paċi u magħqudin flimkien.

°Għalhekk għandna nieħdu ħsieb tas-siewi veru tat-tradizzjonijiet tal-Milied, biex iwasslu għall-veru Milied.

- Ejjew naraw lil min nistgħu nżuru dan il-Milied.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



Uża' vidjow: Paċi fil-Milied

http://www.youtube.com/watch?v=PlvAXzE5tTU

Temfasizza li Alla ġie fostna biex ngħixu fil-paċi u magħqudin.

**Nitolbu**

Mulej Ġesù,

Igħinna nkunu

F'paċi u f'armonija

Magħqudin flimkien!

Grazzi.

